**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 23 ta' Gunju 2020.**

**Rikors nru: 12/2020 AGV**

**AB**

**Vs**

**CB**

**Il-Qorti ;**

**Rat r-rikors ta' AB datat 13 ta' Jannar 2020, fejn espona bir-rispett u kkonferma ;**

1. Illi l-partijiet zzewwgu fis- 6 ta' Gunju 1995, hekk kif jidher mic-certifkat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok. A, u minn daz-zwieg kellhom zewgt itfal, DB li twieled fit- 2 ta' Jannar 1999, llum maggorenni u EB li twieled nhar is- 7 ta' Lulju 2000 u llum maggorenni, hekk kif jirrizulta, mic-certifkati tat-twelid hawn annessi u mmarkati Dok. B;

2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati b' kuntratt datat 5 ta' Gunju 2012 min-Nutar Pubbliku Dr. Marilena Cristina hekk kif tidher minn Dok C;
3. Il-partijiet qablu li huma separati de jure sa mill-5 ta' Gunju 2012 u ghaldaqstant ilhom aktar minn seba' (7) snin separati.
4. Illi m' hemm l-ebda prospett regenvoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom state li l-partijiet ilhom seba' snin mifrudin.
5. Illi ma hemm l-ebda mantenimen dovut f' dan l-istadju stante li skont il-kuntratt datat 5 ta' Gunju 2012, fil-paragrafu dwar il-manteniment '*the parties hereby renounce to their right to claim and/ or receive maintenance from each other',* u dan skont kif jidher f' Dok. C;

Illi dal-fatti hawn fuq imsemmija jussodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kodici civili, il-Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta;

Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex;

a. Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat fis- 6 ta' Gunju 1995, bejn il-partijiet;
b. Tordna lir-registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-direttur tar-Registru pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrata fir-registru pubbliku.

Il-Qorti rat li fis-seduta tat-Tlieta 23 ta' Gunju 2020, dehret l-intimata li ddikjarat li ma ghandhiex oggezzjoni ghat-talbiet tal-attur.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**